TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**ARBITRU**

**Dott. Deborah Schembri**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 18 ta' Settembru, 2023**

**Talba Nru: CCT75/23/DS**

**John Attard Kingswell**

**Vs**

**Portelli and Brincat Ltd.**

## It-Tribunal

Ra l-avviż tar-rikorrenti pprezentat fit-2 ta' Mejju, 2023 fejn huwa talab illi s-soċjeta' intimata tħallsu l-ammont ta' mitejn u ħamsa u erbgħin Ewro (€245) ta' *blinds* illi kellu jixtri mingħand *supplier* ieħor *stante* illi wara illi s-soċjeta' intimata ħadet il-*blinds* biex issewwihom ma rritornathomx lura għalkemm għaddew ammont konsiderevoli ta' xhur.

Ra illi s-soċjeta' intimata debitament notifikata bl-avviż tat-talba u tas-smiegħ ma intavolatx risposta u ghal din ir-raguni giet meqjusa kontumaci minn dan it-Tribunal;

Ra illi lanqas deher rappreżentant tas-socjeta intimata biex jippreżenta l-pużizzjoni tagħha waqt dawn il-proċeduri;

Ra l-atti kollha tal-kawża.

Sema' x-xhieda tar-rikorrenti bil-ġurament.

## Ikkunsidra

Illi mill-provi jirriżulta illi r-rikorrenti kkonferma d-dettalji dwar it-talba tiegħu taħt ġurament. Galadarba s-soċjeta' intimata la għamlet risposta u lanqas bagħtet

rappreżentant tagħha sabiex jagħti x-xhieda tiegħu il-verżjoni tar-rikorrenti m'hija bl-ebda mod kontradetta. Barra minn hekk il-verżjoni tar-rikorrenti hija korroborata min evidenza dokumentarja illi ma tħalli l-ebda dubbju f'moħħ dan it-Tribunal illi l-fatti graw hekk kif gie konfermat taħt gurament.

Illi mill-atti jirriżulta li l-attur mhux biss ġab il-provi kollha neċessarji sabiex jipprova l-każ tiegħu iżda ġab ukoll il-provi neċessarji li juru l-ħlas illi huwa kellu jagħmel biex jakkwista blind ġdida mingħand *supplier* ieħor dan it-Tribunal;

Illi t-Tribunal ulterjorment jinnota illi l-attur kemm il-darba prova jikkomunika mas-soċjeta' attriċi, pero' ma jkunx hemm risposta tant illi kien qiegħed ikollu jmur l-istabbiliment tal-istess soċjeta' biex jipprova jinqeda. Huwa kien ingħata blind illi ma kienetx tiegħu u kellu jiftiehem biex tinħadimlu oħra iżda wara ħafna telf ta' ħin din xorta ma waslitx u s-soċjeta' intimata ma żammitx kelmitha mal-attur b'dana illi sabiex ma ssirx ħsara fuq l-għamara kellu jordna blind oħra. Dan l-aġir ikkawża inkonvenjent ċar lill-attur illi jkun inġust illi jgħaddi inosservat.

## Ikkunsidra ulterjorment

Illi f'Legislazzjoni Sussidjarja 387.01 Regoli dwar it-Tribunal ghal talbiet tal-Konsumaturi, Regola 12.1 tgħid illi '**jekk l-intimat ma jattendix seduta, l-Arbitru jista' jiddeciedi t-talba kontra dak l-intimat;**

Illi meta l-attur xtara *blinds* ġodda biex jagħmel tajjeb għall-*blinds* li baqgħu ma ġewx rritornati mis-soċjeta' intimata kien jidher ċar illi l-istess soċjeta intimata ma kienetx f'pużizzjoni li ssewwi l-*blinds* imsemmija tal-attur għaliex lanqas biss taf fejn huma, u lanqas għaddiet biex tirrimedja s-sitwazzjoni bi provvediment ta' *blinds* ġodda fi żmien raġjonevoli kien kienet wiegħdet.

## Deċiżjoni

Għaldaqstant, għar-raġunijiet kollha hawn fuq imsemmija, wara li ra l-atti, ra l-Kap 378 tal-Liġijiet ta' Malta, u wara li qies iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, dan it-Tribunal jidhirlu illi r-rikorrenti prova il-każ tiegħu suffiċjentement u sal-grad rikjest mill-liġi u għalhekk skont il-mertu u l-ġustizzja sostantiva kif ukoll skont l-ekwita' iħoss illi t-talba tiegħu għandha tiġi milqugħa fl-intier tagħha.

Għall-dawn il-motivi, jaqta' u jiddeċiedi billi jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jikkundanna s-soċjeta' intimata tħallas l-ammont ta' mitejn u ħamsa u erbgħin Ewro (€245) lill-attur filwaqt illi jeħles lis-soċjeta' intimata mill-obbligu illi tirritorna l-

*blinds* kif ukoll jikkundanna lill-istess soċjeta' tħallas is-somma ta' erbgħin Ewro (€40) lill-istess attur bħala danni morali għall-inkonvenjenza li kkawżatlu.

Bl-ispejjes kontra l-istess soċjeta' intimata.

**Deborah Schembri**
B.A. (Leg. & Hum. St.) (Melit.),
M.A. (Bioethics) (Melit.), LL.D. (Melit.),
Adv. Trib. Eccl. Melit.

**Arbitru**